# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 452.71

## ORDNI TA' *STANDARD* NAZZJONALI DWAR L-INQAS PAGA NAZZJONALI

*L-AVVIŻI LEGALI 126 tal-1992, 180 tal-1993, 186 tal-1994, 189 tal-1995, 7 tal-1997, 224 tal-1997, 272 tal-1998, 220 tal-1999, 265 tal-2000, 307 tal-2001, 378 tal-2002, 418 tal-2003, 506 tal-2004, 412 tal-2005, 331 tal-2006 (konsolidati, u kif emendati bl-Avviż Legali 427 tal-2007) u l-Avviżi Legali 429 tal-2007, 339 tal-2008, 378 tal-2009, 527 tal-2010, 502 tal-2011, 491 tal-2012, 441 tal-2013, 484 tal-2014, 431 tal-2015, 424 tal-2016, 144 tal-2017 u 368 tal-2017, 441 tal-2018, 349 tal-2019 u 467 tal-2020 konsolidati.*

Titolu.

**1.** It-titolu ta' din l-Ordni hu Ordni ta' *Standard* Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali.

L-inqas paga nazzjonali. *Sostitwit: A.L. 491 tal-2012; A.L. 441 tal-2013; A.L. 484 tal-2014; A.L. 431 tal-2015; A.L. 424 tal-2016.*

**2.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati *part-time* għandha tkun ikkalkulata *pro rata* bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli *whole-time* li tkun tapplika skont l-inqas paga tal-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi rilevanti, jew f'każijiet fejn Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi ma tkunx tapplika, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali *Standard* li tkun tapplika, kif stabbilita skont l-Iskeda u diviża b'erbgħin.

Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-pagi. *Sostitwit: A.L. 491 tal-2012; A.L. 441 tal-2013; A.L. 484 tal-2014; A.L. 431 tal-2015; A.L. 424 tal-2016.* Kap. 452.

**3.** Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil dak l-impjegat fir-rigward tal-2017 m'għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti b'dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi applikabli għal 2016, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'xi żjidiet ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment japplikaw għall-impjegati *whole-time* kollha skont l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'xi żjidiet fil-paga għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi ordni ta' *standard* nazzjonali applikabli fir-rigward tal-2017.

Supplimenti mandatorji. Miżjud: *A.L. 144 tal-2017*

**4.** (1) Impjegati illi jitħallsu il-paga minima fil-ġimgħa kif stabbilita fl-Iskeda ma' dan l-Ordni, jew paga fil-ġimgħa ekwivalenti għall-paga minima kif stabbilita fl-imsemmija Skeda, għandhom, mat-tlestija tal-ewwel sena fl-impieg mal-istess prinċipal, ikunu intitolati għal suppliment mandatorju kif ġej:

(*a*) tliet euro (€3) fil-ġimgħa li jibdew jitħallsu mill-bidu tat-tieni sena fl-impieg biex il-paga bażika tal-impjegat konċernat tkun il-paga minima fil-ġimgħa kif stabbilita fl-Iskeda jew l-ekwivalenti tagħha ttopjata bi tliet euro (€3); u

(*b*) mat-tlestija tat-tieni sena, għal tliet euro (€3) oħra fil-ġimgħa li jibdew jitħallsu mill-bidu tat-tielet sena fl-impieg biex il-paga bażika tal-impjegat konċernat tkun, minn dik is-sena 'il quddiem, il-paga minima fil-ġimgħa kif stabbilita fl-Iskeda jew l-ekwivalenti tagħha, ttoppjata b'sitt euro (€6).

(2) Impjegati illi huma imħallsa aktar mill-paga minima fil-ġimgħa kif stabbilita fl-Iskeda ma' dan l-Ordni, jew aktar mill-paga fil-ġimgħa ekwivalenti għall-paga minima stabbilita fl-imsemmija Skeda, sew jekk bis-saħħa ta' xi liġi, regolament jew ordni jew bis-saħħa ta' xi kuntratt ta' impieg, għandhom, mat-tlestija tal-ewwel sena ta' impieg mal-istess prinċipal, ikunu intitolati għal dak il-porzjon tas-supplimenti mandatorji kif hemm provdut fis-subartikolu (1) sabiex u sakemm il-paga minima fil-ġimgħa tagħhom ttopjata bl-ammonti imsemmija fil-paragrafi (*a*) u (*b*) tas-subartikolu (1) ma taqbiżx il-paga minima fil-ġimgħa kif stabbilita fl-Iskeda ta' dan l-Ordni, jew paga fil-ġimgħa ekwivalenti għal paga minima fl-Iskeda ta' dan l-Ordni ttopjata bis-supplimenti stabbiliti fil-paragrafi (*a*) u (*b*) tas-subartikolu (1).

(3) Dawk l-impjegati illi, fit-28 ta' April 2017, kienu diġà lestew minn tal-inqas sena fl-impieg mal-istess prinċipal u li jitħallsu il-paga minima fil-ġimgħa kif stabbilita fl-Iskeda ta' dan l-Ordni, jew li jitħallsu paga fil-ġimgħa ekwivalenti għal paga minima stabbilita fl-imsemmija Skeda, għandhom ikunu intitolati għas-supplimenti mandatorji kif imsemmija fis-subartikolu (1) kif ġej:

(*a*) b'effett mill-ewwel (1) ta' Jannar tal-2017, it-tali impjegati għandhom ikunu intitolati għall-aġġustament ta' tliet euro (€3) fil-ġimgħa skont is-subartikolu (1);

(*b*) fis-sena 2018, it-tali impjegati għandhom ikunu intitolati għall-aġġustament sa massimu ta' tliet euro (€3) fil-ġimgħa skont is-subartikolu (1); u

(*ċ*) fis-sena 2019, it-tali impjegati għandhom ikunu intitolati għall-bilanċ biex jilħqu b'kollox iż-żieda ta' sitt euro (€6) fil-paga minima tagħhom, sakemm l-impjegati f'dik is-sena ikunu ilhom fl-impieg mal-istess prinċipal għal tal-anqas tliet snin.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kliem "impieg mal-istess prinċipal" għandu jfisser impieg mal-prinċipal illi kien ingaġġjah oriġinarjament u jinkludi entitajiet oħra fl-istess *group of companies* li minnhom jagħmel parti il-prinċipal.

Kap. 452.

(5) Minkejja kwalunkwe ħaġa oħra imsemmija fl-artikolu 33 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, f'xi liġi oħra, regolament jew Ordni:

Kap. 452.

(*a*) impjegat li huwa intitolat għas-supplimenti mandatorji skont dan l-artikolu u li huwa ingaġġjat b'kuntratt ta' impieg definit skont l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jew skont xi leġislazzjoni sussidjarja maħruġa taħtu, ma għandux, mal-iskadenza tal-kuntratt definit ta' impieg tiegħu, ikun sostitwit b'impjegat ieħor sal-massimu ta' sena mid-data tal-iskadenza tal-kuntratt sakemm il-prinċipal ma jinfurmax lill-impjegat illi hemm raġuni ġusta u suffiċjenti illi jiġi sostitwit u ma jgħidx speċifikament dik ir-raġuni ġusta u suffiċjenti xinhi bil-miktub; u

(*b*) fir-rigward ta' impjegat intitolat għas-supplimenti mandatorji skont dan l-artikolu u li huwa ingaġġjat b'kuntratt ta' impieg definit skont l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jew skont xi leġislazzjoni sussidjarja maħruġa taħtu, jekk, fi żmien sitt xhur mill-iskadenza tal-ewwel kuntratt ta' impieg, it-tali impjegat jiġi offrut kuntratt ieħor ta' żmien fiss, iż-żewġ perjodi għandhom jiġu ikkunsidrati bħala perjodu wieħed kontinwu. Kap. 452.

---

SKEDA

*Sostitwita: A.L. 427 tal-2007. Emendata: A.L. 339 tal-2008; A.L. 378 tal-2009; A.L. 527 tal-2010; A.L. 502 tal-2011; A.L. 484 tal-2014; A.L. 431 tal-2015; A.L. 424 tal-2016; A.L. 368 tal-2017.*

**L-Inqas Paga Nazzjonali**

| | |
|---|---|
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 1993: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €85.32 |
| ta' età 17-il sena | €78.55 |
| taħt is-17-il sena | €75.68 |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 1994: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €88.82 |
| ta' età 17-il sena | €82.04 |
| taħt is-17-il sena | €79.20 |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 1995: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €94.06 |
| ta' età 17-il sena | €87.28 |
| taħt is-17-il sena | €84.44 |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 1996: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €98.72 |
| ta' età 17-il sena | €91.94 |
| taħt is-17-il sena | €89.10 |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 1997: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €102.21 |
| ta' età 17-il sena | €95.43 |
| taħt is-17-il sena | €92.59 |
| B'effett mill-1 ta' April, 1997: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €102.80 |
| ta' età 17-il sena | €96.02 |
| taħt is-17-il sena | €93.17 |

| | |
|---|---|
| B’effett mill-1 ta’ Jannar, 1998: | fil-ġimgħa |
| ta’ età 18-il sena u fuqhom | €106.29 |
| ta’ età 17-il sena | €99.51 |
| taħt is-17-il sena | €96.67 |
| B’effett mill-1 ta’ Jannar, 1999: | fil-ġimgħa |
| ta’ età 18-il sena u fuqhom | €110.37 |
| ta’ età 17-il sena | €103.59 |
| taħt is-17-il sena | €100.75 |
| B’effett mill-1 ta’ Jannar, 2000: | fil-ġimgħa |
| ta’ età 18-il sena u fuqhom | €112.70 |
| ta’ età 17-il sena | €105.92 |
| taħt is-17-il sena | €103.07 |
| B’effett mill-1 ta’ Jannar, 2001: | fil-ġimgħa |
| ta’ età 18-il sena u fuqhom | €116.19 |
| ta’ età 17-il sena | €109.41 |
| taħt is-17-il sena | €106.57 |
| B’effett mill-1 ta’ Jannar, 2002: | fil-ġimgħa |
| ta’ età 18-il sena u fuqhom | €119.68 |
| ta’ età 17-il sena | €112.90 |
| taħt is-17-il sena | €110.06 |
| B’effett mill-1 ta’ Jannar, 2003: | fil-ġimgħa |
| ta’ età 18-il sena u fuqhom | €123.76 |
| ta’ età 17-il sena | €116.98 |
| taħt is-17-il sena | €114.14 |
| B’effett mill-1 ta’ Jannar, 2004: | fil-ġimgħa |
| ta’ età 18-il sena u fuqhom | €125.51 |
| ta’ età 17-il sena | €118.73 |
| taħt is-17-il sena | €115.89 |
| B’effett mill-1 ta’ Jannar, 2005: | fil-ġimgħa |
| ta’ età 18-il sena u fuqhom | €129.58 |
| ta’ età 17-il sena | €122.80 |
| taħt is-17-il sena | €119.96 |

| | |
|---|---|
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2006: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €134.82 |
| ta' età 17-il sena | €128.05 |
| taħt is-17-il sena | €125.20 |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2007: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €138.90 |
| ta' età 17-il sena | €132.12 |
| taħt is-17-il sena | €129.28 |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2008: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €142.39 |
| ta' età 17-il sena | €135.61 |
| taħt is-17-il sena | €132.77 |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2009: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €146.47 |
| ta' età 17-il sena | €139.69 |
| taħt is-17-il sena | €136.85 |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2010: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €152.29 |
| ta' età 17-il sena | €145.51 |
| taħt is-17-il sena | €142.67 |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2011: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €153.45 |
| ta' età 17-il sena | €146.67 |
| taħt is-17-il sena | €143.83 |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2012: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €158.11 |
| ta' età 17-il sena | €151.33 |
| taħt is-17-il sena | €148.49 |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2013: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €162.19 |
| ta' età 17-il sena | €155.41 |
| taħt is-17-il sena | €152.57 |

| | |
|---|---|
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2014: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €165.68 |
| ta' età 17-il sena | €159.90 |
| taħt is-17-il sena | €156.06 |
| | |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2015: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €166.26 |
| ta' età 17-il sena | €159.48 |
| taħt is-17-il sena | €156.64 |
| | |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2016: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €168.01 |
| ta' età 17-il sena | €161.23 |
| taħt is-17-il sena | €158.39 |
| | |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2017: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €169.76 |
| ta' età 17-il sena | €162.98 |
| taħt is-17-il sena | €160.14 |
| | |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2018: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €172.51 |
| ta' età 17-il sena | €165.73 |
| taħt is-17-il sena | €162.89 |
| | |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2019: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €175.84 |
| ta' età 17-il sena | €169.06 |
| taħt is-17-il sena | €162.22 |
| | |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2020: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €179.33 |
| ta' età 17-il sena | €172.55 |
| taħt is-17-il sena | €169.71 |
| | |
| B'effett mill-1 ta' Jannar, 2021: | fil-ġimgħa |
| ta' età 18-il sena u fuqhom | €181.08 |
| ta' età 17-il sena | €174.30 |
| taħt is-17-il sena | €171.46 |